# F'Jum Dun Karm 1975

*Lil Karmen Mikallef Buħaġar*

Mis-Sema fejn tinsab, DUN KARM, POETA,
tgħid tara ġrajjiet Malta f'dan il-ħin?
Tgħid tiftaħ b'dal-progress ta' vilel għonja
b'servizz soċjali hekk li m'hawnx fqajrin?
Jew qed titħasseb għax l-ispirtu ddennes:
m'għadniex inħobbu 'l Malta w id-drawwiet
ta' qima lill-Mulej u l-armar tiegħu
u sirna barranin f'daż-żminijiet?
Aħna nqimuk mhux għax qassis, kif jaħsbu
l-imħuħ imdallma iżda għax kont MEXXEJ
tar-ruħ Maltija u ta' jeddijietha:
l-aħdar w il-blu' għallimtna m'huma xej
ħdejn l-aħmar w abjad li jagħżluna għalina
bla ma nxaqilbu 'l hawn u lanqas 'l hemm;
ma ridtx is-semm barrani jħassar ġensna
għax jekk jinbidel ... min se jsaffi d-demm?!?
Kont għaqli meta tlabt deh'n għall-HAKKIEMA
u ħniena, mhux kastig, għaż-żgħir għas-sid,
is-saħħa għall-ħaddiem xtaqtha dejjem,
fir-ruħ, ġo moħħu, qalbu mhux ħadid!
Fuq kollox tlabt lil ALLA s-sedq w is-sliema
bejn l-aħwa kollha, għax ilkoll Maltin
u mhux il-ġenn w is-saħna tal-politka
biex nisfaw bheijem naħbtu għal xulxin!
Ma nafx, MISSIER, jekk tista' ... għaddilna kelma
mar-RE tas-SLATEN biex ikun ħanin
mal-GŻIRA li bid-dawl sebbaħ mill-qedem
biex nibqgħu ħielsa, insara u Maltin!
Għalxejn il-Parlament, il-Ġnus Magħquda,
il-Jedd tal-Bniedem jekk ninsew id-dmir
li nixmu mat-tagħlim l' hemm fl-INNU MALTI
għax kull ftehim jiddgħajjef, fqir isir!

18-X-75

ĠUŻE' CARDONA

# KRITERJU ĠDID

# FL-ISTUDJU TAL-ISTORJA

ĠUŻE' GALEA

B'xorti ħażina għalina l-Maltin, l-istorja ta' art twelidna sa ftit taż-żmien ilu, qatt ma kienet miktuba b'metodu loġiku u b'sistema analitiku; kienet f'għamla ta' rakkont kronoloġiku b'sensila ta' dati u fatti bla ħjiel ta' rabta bejniethom.

Din hi għamla żbaljata għax l-istorja bħala fergħa ta' xjenza, jeħtieġ li tkun mistħarrġa u spjegata fuq żewġ fatturi ewlenin: kawża u effett. Fil-ħolqien xejn ma jiġri jew isir mix-xejn; kull ġrajja, kull fatt, kull xejra fil-ħajja tal-bnedmin jew fl-istorja ta' pajjiżhom, għandhom ir-raġuni, il-motiv jew il-kawża tagħhom, u billi wieħed jirrakkonta l-ġrajja biss bla ma jfisser il-motiv li qanqalha, ma jkunx qiegħed jirreġistra tajjeb l-istorja.

L-istoriku jeħtieġlu jikteb mhux biss dwar dak li jiġri u jiġri, imma wkoll irid jistħarreġ dwar in-nisġa tal-ġrajja; biex ikun kapaċi jagħmel hekk, irid ikun studja u fehem il-filosofija ta' l-istorja: ħaġa li l-ewwel storiċi ta' Malta ma ħabblux rashom fuqha,

L-ewwel storiku tal-Gżira tagħna kien il-Kommendatur Gio. Franġisku Abela li ħareġ il-ktieb tiegħu f'nofs is-seklu sbatax. Kienet biċċa xogħol meritevoli imma aktar kellha xejra lawdatorja milli spekultiva. Mid-dehra, Abela kellu ħsieb li jiġbor dak kollu li sab miktub jew magħdud fuq Malta, u poġġieh bħala material ta' għożża jew ta' ftaħir aktar milli bħala tifkira dokumentata tal-ħajja politika u soċjali ta' pajjiżna sa żmienu.

Tant hu hekk li fil-ktieb ta' Abela naqraw episodji mnebbħin mill-mitoloġija, rakkonti u fatti mżewqin b'elementi fantastiċi, u deskrizzjonijiet ta' ġrajja u ta' persunalitajiet miġbudin fit-tul żejjed.

Fuq kollox Abela kien Membru ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u jekk wieħed jifli sewwa l-ktieb tiegħu, għandu jintebaħ li l-awtur għalkemm kellu f'moħħu li jeżalta lill-Gżira ta' Malta, xtaq ukoll jitfa' ftit ta' l-inċens lill-Gran Mastru, lill-Kunsill u lill-Kavallieri ta' San Ġwann li dak iż-żmien kienu jaħkmu fuq din il-Gżira.

Il-ħażin hu li dak il-ktieb ta' Abela serva ta' mudell lil storiċi li ġew warajh, u hekk ġara li fl-istejjer li kitbu barra li nosservaw plaġjariżmu, niltaqgħu ma' deskrizzjonijiet liriċi ta' bravuri eżaġerati, kapi-